MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. GIOVANNI GRIXTI

Seduta tad-19 ta' Dicembru, 2001

Numru. 419/2001
Kawza Numru. 27

**Il-Pulizija**
**(Spettur Antonello Grech)**
**- vs -**
**Paul Muscat ta' 52 sena bin Joseph u Pawla nee Vella li joqghod 'Sweet Home', Dun Guzepp Vella Street, Nadur, Ghawdex.**
**Karta ta' l-identita' Numru 51248 (G)**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat talli fil-5 ta' Gunju 2001 ghall-habta tad-8:45 p.m. waqt li kien go Flat 7, Blokk A fil-Qasam tad-Djar Tac-Cawla, Rabat, Ghawdex u anke fil-partijiet komuni ta' l-istess blokk ta' appartamenti (1) volontarjament kiser il-bon ordni u l-kwiet tal-pubbliku b'ghajjat u glied (2) talli waqt li kien go flat u Blokk A f'tac-Cawla, Rabat, Ghawdex u hebb kontra l-persuna ta' Paul Micallef minn Victoria u kkagunalu feriti

ta' natura hafifa skond kif iccertifika Dr John Xuereb Curmi M.D. ta' l-Isptar Generali t'Ghawdex (3) talli fl-istess data, hin u postijiet minghajr ma darab, waddab (gebla u bott zebgha) fid-direzzjoni ta' Paul Micallef u (4) aktar talli fl-istess incident b'nuqqas ta' hsieb u bi traskuragni kkaguna hsarat fuq vettura EAD 719 ghad-dannu ta' Walter Mompalao minn Victoria, Ghawdex (5) aktar talli fl-istess okkazzjoni kkommetta vjolazzjoni kontra l-proprjeta` ta' Paul Micallef billi dahal fid-dar fejn joqghod bi skuza falza jew b'qerq iehor.

Il-Qorti hija gentilment mitluba li f'kaz ta' htija tapplika barra l-piena stabbilita mill-Qorti tapplika wkoll l-artikolu 383 tal-Kodici Kriminali Kap 9.

Semghet il-provi u r-rinunzja;

Fuq rinunzja tiddikjara l-procediment ezawrit kwantu it-tieni, t-tielet, ir-raba' u l-hames akkuzi;

Tilliberah mill-ewwel akkuza fuq nuqqas ta' provi.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------